MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2007

Numru 818/2006

Il-Pulizija
(Sp Romina Veneziani)
vs
Carmel Fenech, iben Carmel, imwieled Rabat fid-19 ta' settembru, 1954

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-4 ta' ġunju, 2006 għal ħabta tal-2145, ġewwa Gżira Kiosk, Triq ix-Xatt, Sliema kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Pero Kopren.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' mejju, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ sena priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------